**Parlament Ewropew**
2014-2019

*Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni*

**2018/0243(COD)**

24.1.2019

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-Kumitat għall-Iżvilupp

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali
(COM(2018)0460 – C8-0275/2018 – 2018/0243(COD))

Rapporteur għal opinjoni: María Teresa Giménez Barbat

PA_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea li tistabbilixxi "**l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI)**" (2021-2027) se tintegra bosta strumenti ta' azzjoni esterna tal-UE mill-QFP attwali, li ħafna minnhom se jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2020:

- l-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI),
- l-Istrument Ewropew ta' Viċinat (ENI);
- l-Istrument ta' Sħubija għall-Kooperazzjoni ma' Pajjiżi Terzi (PI).
- l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR)
- l-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi (IcSP),
- il-Fond ta' Garanzija għall-Azzjonijiet Esterni
- L-NDICI se jintegra wkoll il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp extrabaġitarju (FEŻ) attwali, inkluża l-faċilità ta' investiment AKP tal-FEŻ.

Il-promozzjoni tal-valuri fundamentali u tad-drittijiet tal-bniedem hija fil-qalba ta' dawk l-istrumenti.

B'baġit miżjud ta' EUR 89,2 biljun, l-istrument NDICI se jkun l-għodda ewlenija tal-UE biex jikkontribwixxi għall-qerda tal-faqar u jappoġġa d-demokrazija u l-iżvilupp sostenibbli fil-pajjiżi sħab tagħha.

Ir-regolament propost jinkludi erba' komponenti ewlenin: komponent ġeografiku, tematiku u ta' rispons rapidu.

Il-**komponent ġeografiku** (pakkett finanzjarju ta' EUR 68 biljun)

B'enfasi partikolari fuq iż-żona tal-Viċinat u l-Afrika Sub-Saħarjana, dan se jindirizza b'mod konġunt l-isfidi globali bħall-iżvilupp tal-bniedem inkluż l-ugwaljanza bejn is-sessi, it-tibdil fil-klima, il-protezzjoni ambjentali, il-migrazzjoni u s-sigurtà tal-ikel

Il-**komponent tematiku** (pakkett finanzjarju propost ta' EUR 7 biljun)

Se jikkomplimenta dak ġeografiku permezz ta' appoġġ fuq livell dinji għad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, is-soċjetà ċivili, l-istabbiltà u l-paċi u l-isfidi dinjija li jkopru kwistjonijiet bħas-saħħa, l-edukazzjoni u t-taħriġ, in-nisa u t-tfal, l-impjieg diċenti u l-protezzjoni soċjali, il-kultura, il-migrazzjoni, l-ambjent, it-tibdil fil-klima, l-enerġija sostenibbli u t-tkabbir sostenibbli u inklużiv, is-settur privat u l-awtoritajiet lokali.

Il-**komponent ta' rispons rapidu** (pakkett finanzjarju propost ta' EUR 4 biljun)

Se jippermetti lill-UE tintervjeni malajr u b'mod effettiv għall-prevenzjoni ta' kunflitti u tagħti rispons għal sitwazzjonijiet ta' kriżi jew instabbiltà. Dan se jgħin biex tiżdied ir-reżiljenza tal-

pajjiżi sħab kif ukoll biex tittieħed azzjoni bikrija biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-politika barranija tal-UE. Dan il-komponent għandu wkoll kopertura dinjija. F'dan il-komponent, mhix meħtieġa programmazzjoni; l-implimentazzjoni tieħu l-forma ta' adozzjoni diretta ta' miżuri ta' għajnuna, pjanijiet ta' azzjoni u miżuri individwali eċċezzjonali.

<u>**Riżerva għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti tal-fondi mhux allokati**</u> (pakkett finanzjarju propost ta' EUR 10,2 biljun)

Se jiżgura rispons xieraq għal prijoritajiet urġenti, partikolarment fl-oqsma tal-migrazzjoni u l-istabbiltà.

---

Ir-Rapporteur tirrikonoxxi li l-arkitettura tal-istrumenti attwali rriżultat ineffiċjenti, in parti minħabba n-nuqqas ta' flessibbiltà tagħha, biex tagħti rispons rapidu għall-isfidi emerġenti. Għal din ir-raġuni, hija tqis xierqa reviżjoni ġdida biex issaħħaħ il-kapaċità tal-azzjoni ta' rispons tal-UE u timmassimizza l-impatt ta' interventi kkombinati.

Madankollu, hija temmen li l-arkitettura l-ġdida ma għandhiex taffettwa r-rwol u l-involviment tal-Parlament Ewropew fl-ipprogrammar u l-implimentazzjoni tal-istrument il-ġdid u l-proċess ta' skrutinju.

Għalkemm ir-Regolament se jappoġġa finanzjarjament azzjonijiet relatati mal-mobbiltà tat-tagħlim ma' pajjiżi terzi fil-qafas tal-programm Erasmus, kif ukoll il-kooperazzjoni u d-djalogu politiku bejn l-UE u dawk il-pajjiżi fl-edukazzjoni u fil-kultura, ir-Rapporteur temmen li l-għanijiet stabbiliti għal dawk l-oqsma għandhom ikunu ħafna aktar ambizzjużi.

Barra minn hekk, hija tal-fehma li fl-abbozz ta' regolament għandha tingħata aktar importanza lill-edukazzjoni u l-kultura, biex b'hekk jiġi żgurat aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità, inklużiva u ekwa għal kulħadd u jitrawmu relazzjonijiet kulturali internazzjonali permezz tad-diplomazija kulturali.

L-importanza tal-edukazzjoni bħala waħda mill-komponenti ewlenin tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli hija riflessa fl-SDG 4 ("L-iżgurar ta' edukazzjoni ta' kwalità inklużiva u ekwa u l-promozzjoni ta' opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja għal kulħadd"). Edukazzjoni aħjar hija tabilħaqq prekundizzjoni għall-qerda tal-faqar, l-iżvilupp tal-bniedem, l-inklużività soċjali u l-ugwaljanza bejn is-sessi.

Fir-rigward tal-kultura, l-importanza li titrawwem il-kooperazzjoni kulturali, inkluża d-diplomazija kulturali, hija rikonoxxuta dejjem aktar bħala mezz biex jiġu promossi l-fehim reċiproku, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-valuri komuni.

Għalhekk, ir-Rapporteur temmen li ammont indikattiv ta' 15% tal-baġit propost għandu jiġi ddedikat għal azzjonijiet fil-qasam tal-edukazzjoni u l-kultura.

***

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-Kumitat għall-Iżvilupp, bħala l-kumitati responsabbli, biex jieħdu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) L-għan ġenerali tal-Programm "Strument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni ***Internazzjonalit*** (l-"Istrument") jenħtieġ li jkun li jsostni u jippromwovi ***l-valuri*** u ***l-interessi tal-Unjoni*** madwar id-dinja sabiex jiġu segwiti l-għanijiet u l-prinċipji tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, kif stabbiliti fl-Artikolu 3(5), fl-Artikoli 8 u 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. | (1) L-għan ġenerali tal-Programm "Strument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni ***Internazzjonali*** (l-"Istrument") jenħtieġ li jkun li jsostni u jippromwovi ***r-rispett għall-valuri fundamentali*** u ***l-promozzjoni tagħhom, b'mod partikolari d-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem,*** madwar id-dinja sabiex jiġu segwiti l-għanijiet u l-prinċipji tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, kif stabbiliti fl-Artikolu 3(5), fl-Artikoli 8 u 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Skont l-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Unjoni jenħtieġ li tfittex li jkun hemm konsistenza bejn l-oqsma differenti tal-azzjoni esterna tagħha u bejn dawn u l-politiki l-oħra tagħha, kif ukoll li taħdem lejn grad għoli ta' kooperazzjoni fl-oqsma kollha tar-relazzjonijiet internazzjonali. Il-firxa wiesgħa ta' azzjonijiet permessi minn dan ir-Regolament jenħtieġ li tikkontribwixxi għall-għanijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu tat-Trattat. | (2) Skont l-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Unjoni jenħtieġ li tfittex li jkun hemm konsistenza bejn l-oqsma differenti tal-azzjoni esterna tagħha u bejn dawn u l-politiki l-oħra tagħha, kif ukoll li taħdem lejn grad għoli ta' kooperazzjoni fl-oqsma kollha tar-relazzjonijiet internazzjonali***, inkluża d-dimensjoni kulturali tagħha, fl-oqsma tal-kultura, l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-isport, b'approċċ ibbażat fuq relazzjonijiet interpersonali***. Il-firxa wiesgħa ta' azzjonijiet permessi minn dan ir- |

Regolament jenħtieġ li tikkontribwixxi għall-għanijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu tat-Trattat.

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) F'konformità mal-Komunikazzjoni Konġunta "Lejn Strateġija tal-UE għal relazzjonijiet kulturali internazzjonali", approvata mir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Lulju 2017, l-istrumenti Ewropej ta' finanzjament, u b'mod partikolari dan il-programm, jenħtieġ li jirrikonoxxu r-rilevanza tal-kultura fir-relazzjonijiet internazzjonali u r-rwol tagħha fil-promozzjoni tal-valuri Ewropej permezz ta' azzjonijiet ddedikati u mmirati mfassla biex ikollhom impatt tal-Unjoni ċar fuq ix-xena globali.*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3b) F'konformità mal-Artikolu 167 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom irawmu kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti fl-isfera tal-kultura. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-għanijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu tat-Trattat.*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3c)*** Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu konformi mad-Direttiva (UE) 2016/801 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a]. |
| | ***[1a]Id-Direttiva (UE) 2016/801 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riċerka, studji, taħriġ, servizz volontarju, skemi ta' skambju ta' skulari jew proġetti edukattivi u au pairing (ĠU L 132, 21.5.2016, p. 21).*** |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) L-għan primarju tal-politika tal-Unjoni għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp, kif stabbilit fl-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, huwa li jitnaqqas il-faqar u, fuq terminu twil, il-qerda tiegħu. Il-politika tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Unjoni tikkontribwixxi wkoll għall-għanijiet tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, b'mod partikolari li jitrawwem l-iżvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali sostenibbli ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw, bil-għan primarju li jinqered il-faqar, kif stabbilit fl-Artikolu 21(2)(d) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. | (4) L-għan primarju tal-politika tal-Unjoni għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp, kif stabbilit fl-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, huwa li jitnaqqas il-faqar u, fuq terminu twil, il-qerda tiegħu. Il-politika tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Unjoni tikkontribwixxi wkoll għall-għanijiet tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, b'mod partikolari li jitrawwem l-iżvilupp ekonomiku, soċjali***, kulturali, edukattiv*** u ambjentali sostenibbli ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw, bil-għan primarju li jinqered il-faqar, kif stabbilit fl-Artikolu 21(2)(d) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Il-kuntest dinji għall-azzjoni huwa li tiġi segwita ordni dinji bbażat fuq ir-regoli, bil-multilateraliżmu bħala l-prinċipju ewlieni tiegħu u bin-Nazzjonijiet Uniti fil-qalba tiegħu. L-Aġenda 2030, flimkien mal-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima[57] u l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa[58] hija r-rispons tal-komunità internazzjonali għall-isfidi u x-xejriet dinjija fir-rigward tal-iżvilupp sostenibbli. Bl-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fil-qalba tagħha, l-Aġenda 2030 hija qafas trasformattiv biex jeqred il-faqar u jikseb żvilupp sostenibbli fuq livell dinji. Hija għandha ambitu universali, billi tipprovdi qafas komprensiv kondiviż għal azzjonijiet li japplikaw għall-Unjoni, għall-Istati Membri tagħha u għas-sħab tagħha. Hija tibbilanċja d-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali, u ambjentali tal-iżvilupp sostenibbli, filwaqt li tirrikonoxxi l-interkonnessjonijiet essenzjali bejn l-għanijiet u l-miri tagħha. L-Aġenda 2030 għandha l-għan li ma tħalli lil ħadd lura. L-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 se tkun koordinata mill-qrib mal-impenji internazzjonali rilevanti l-oħra tal-Unjoni. L-azzjonijiet imwettqa minn dan ir-Regolament jenħtieġ li jagħtu attenzjoni partikolari lill-interkonnessjonijiet bejn l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u lill-azzjonijiet integrati li jistgħu joħolqu kobenefiċċji u jilħqu għanijiet multipli b'mod koerenti. | (7) Il-kuntest dinji għall-azzjoni huwa li tiġi segwita ordni dinji bbażat fuq ir-regoli, bil-multilateraliżmu bħala l-prinċipju ewlieni tiegħu u bin-Nazzjonijiet Uniti fil-qalba tiegħu. L-Aġenda 2030, flimkien mal-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima[57] u l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa[58] hija r-rispons tal-komunità internazzjonali għall-isfidi u x-xejriet dinjija fir-rigward tal-iżvilupp sostenibbli. Bl-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fil-qalba tagħha, l-Aġenda 2030 hija qafas trasformattiv biex jeqred il-faqar u jikseb żvilupp sostenibbli fuq livell dinji. Hija għandha ambitu universali, billi tipprovdi qafas komprensiv kondiviż għal azzjonijiet li japplikaw għall-Unjoni, għall-Istati Membri tagħha u għas-sħab tagħha. Hija tibbilanċja d-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali, ***kulturali, edukattivi*** u ambjentali tal-iżvilupp sostenibbli, filwaqt li tirrikonoxxi l-interkonnessjonijiet essenzjali bejn l-għanijiet u l-miri tagħha. L-Aġenda 2030 għandha l-għan li ma tħalli lil ħadd lura. L-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 se tkun koordinata mill-qrib mal-impenji internazzjonali rilevanti l-oħra tal-Unjoni. L-azzjonijiet imwettqa minn dan ir-Regolament jenħtieġ li jagħtu attenzjoni partikolari lil***lill-interkonnessjonijiet ta' appoġġ*** bejn l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u lill-azzjonijiet integrati li jistgħu joħolqu kobenefiċċji u jilħqu għanijiet multipli b'mod koerenti***, f'konformità mal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli Nru 4***. |
| [57] Iffirmata fi New York fit-22 ta' April 2016.<br><br>"Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa tat-Tielet Konferenza Internazzjonali dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp", adottata fis-16 ta' Ġunju 2015 u approvata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fis-27 ta' Lulju 2015 (A/RES/69/313). | [57] Iffirmata fi New York fit-22 ta' April 2016.<br><br>"Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa tat-Tielet Konferenza Internazzjonali dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp", adottata fis-16 ta' Ġunju 2015 u approvata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fis-27 ta' Lulju 2015 (A/RES/69/313). |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7a) Il-kultura għandha rwol speċifiku kemm bħala pilastru awtonomu tal-iżvilupp sostenibbli kif ukoll bħala fattur ewlieni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli eżistenti. Il-kultura hija xprunatur għall-innovazzjoni u l-bidla fl-imġiba permezz tal-ħolqien ta' stili ta' ħajja ġodda u mudelli ta' żvilupp sostenibbli, u tippermetti approċċi bbażati fuq il-komunità jew li għandhom għeruq lokali li huma meħtieġa għal fehim lokali ta' żvilupp sostenibbli. Il-parteċipazzjoni kulturali tħeġġeġ l-imġiba ambjentalment responsabbli, ittejjeb is-saħħa fiżika u mentali u l-benessri u tiffaċilita u tippromwovi d-djalogu interkulturali, ir-rispett għall-oħrajn u l-integrazzjoni soċjali tal-minoranzi, ittejjeb ir-rati ta' attendenza skolastika u ta' prestazzjoni taż-żgħażagħ, u għalhekk tikkontribwixxi għall-ilħuq ta' ħafna Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli eżistenti u tiffaċilitah. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jagħmel użu mill-qawwa trasformattiva tal-kultura u l-edukazzjoni sabiex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) L-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tkun iggwidata mill-ħames prijoritajiet stabbiliti fl-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni (l-“Istrateġija Globali”) [59] , ippreżentata fid-19 ta' Ġunju | (8) L-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tkun iggwidata mill-ħames prijoritajiet stabbiliti fl-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni (l-"Istrateġija Globali")[59], ippreżentata fid- |

2016, li tirrappreżenta l-viżjoni tal-Unjoni u l-qafas għal involviment estern magħqud u responsabbli fi sħubija ma' oħrajn, biex tmexxi 'l quddiem il-valuri u l-interessi tagħha. L-Unjoni jenħtieġ li ssaħħaħ is-sħubijiet, tippromwovi d-djalogu dwar il-politika u r-rispons kollettiv għall-isfidi ta' tħassib dinji. L-azzjoni tagħha jenħtieġ li tappoġġa l-interessi u l-valuri tal-Unjoni fl-aspetti kollha tagħhom, inklużi l-preservazzjoni tal-paċi, il-prevenzjoni tal-kunflitti, it-tisħiħ tas-sigurtà internazzjonali, ***il-ġlieda kontra kawżi*** fl-għeruq tal-migrazzjoni irregolari u l-assistenza lil popolazzjonijiet, pajjiżi u reġjuni ***biex*** jikkonfrontaw diżastri naturali jew ikkawżati mill-bniedem, l-appoġġ għall-politika kummerċjali, ***il-kooperazzjoni*** ekonomika, il-promozzjoni ta' soluzzjonijiet u teknoloġiji diġitali u t-trawwim tad-dimensjoni internazzjonali tal-politiki tal-Unjoni. Fil-promozzjoni tal-interessi tagħha, l-Unjoni jenħtieġ li tikkonforma mal-prinċipji tar-rispett għal standards soċjali u ambjentali għolja, għall-istat tad-dritt, għad-dritt internazzjonali u għad-drittijiet tal-bniedem u tippromwovihom.

[59] "Viżjoni Kondiviża, Azzjoni Komuni:

19 ta' Ġunju 2016, li tirrappreżenta l-viżjoni tal-Unjoni u l-qafas għal involviment estern magħqud u responsabbli fi sħubija ma' oħrajn, biex tmexxi 'l quddiem il-valuri u l-interessi tagħha. L-Unjoni jenħtieġ li ssaħħaħ is-sħubijiet, tippromwovi d-djalogu dwar il-politika u r-rispons kollettiv għall-isfidi ta' tħassib dinji. L-azzjoni tagħha jenħtieġ li tappoġġa l-interessi u l-valuri tal-Unjoni fl-aspetti kollha tagħhom, inklużi l-preservazzjoni tal-paċi ***dejjiema***, il-prevenzjoni tal-kunflitti, it-tisħiħ tas-sigurtà internazzjonali, ***l-indirizzar tal-kawżi*** fl-għeruq tal-migrazzjoni irregolari u ***l-ispostamenti ta' popolazzjoni u*** l-assistenza lill-popolazzjonijiet, pajjiżi u reġjuni ***li qed*** jikkonfrontaw diżastri naturali jew ikkawżati mill-bniedem, ***it-trawwim ta' edukazzjoni ta' kwalità inklużiva u ekwa u opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja għal kulħadd,*** l-appoġġ għal politika kummerċjali ***ħielsa, ekwa u sostenibbli, l-intraprenditorija, id-diplomazija ekonomika u kulturali u l-kooperazzjoni*** ekonomika, ***ir-rwol tal-kultura fir-relazzjonijiet internazzjonali, l-impenn taż-żagħżagħ u approċċ ibbażat fuq relazzjonijiet interpersonali,*** il-promozzjoni ***tal-innovazzjoni,*** ta' soluzzjonijiet u teknoloġiji diġitali u t-trawwim tad-dimensjoni internazzjonali tal-politiki tal-Unjoni***, u l-protezzjoni tal-patrimonju kulturali speċjalment f'żoni ta' kunflitt***. Fil-promozzjoni tal-interessi tagħha, l-Unjoni jenħtieġ li tikkonforma mal-prinċipji tar-rispett għal standards soċjali u ambjentali għolja, għall-istat tad-dritt, għad-dritt internazzjonali u għad-drittijiet tal-bniedem u tippromwovihom. ***Barra minn hekk, ir-rwol tas-sħubiji pubbliċi-privati fil-qafas ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġi esplorat aktar b'mod partikolari fir-rigward tal-kooperazzjoni kulturali u d-diplomazija pubblika fuq skala dinjija.***

[59] "Viżjoni Kondiviża, Azzjoni Komuni:

| | |
|---|---|
| Ewropa aktar b'saħħitha. Strateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni", Ġunju 2016. | Ewropa aktar b'saħħitha. Strateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni", Ġunju 2016. |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Il-Kunsens Ewropew il-ġdid għall-Iżvilupp ("il-Kunsens")[60], iffirmat fis-7 ta' Ġunju 2017, jipprovdi l-qafas għal approċċ komuni dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp mill-Unjoni u mill-Istati Membri tagħha biex jimplimentaw l-Aġenda 2030 u l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa. Il-qerda tal-faqar, l-indirizzar tad-diskriminazzjonijiet u l-inugwaljanzi, li ħadd ma jitħalla lura ***huma*** u t-tisħiħ tar-reżiljenza jinsabu fil-qalba tal-politika tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp. | (9) Il-Kunsens Ewropew il-ġdid għall-Iżvilupp ("il-Kunsens")[60], iffirmat fis-7 ta' Ġunju 2017, jipprovdi l-qafas għal approċċ komuni dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp mill-Unjoni u mill-Istati Membri tagħha biex jimplimentaw l-Aġenda 2030 u l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa. Il-qerda tal-faqar, l-indirizzar tad-diskriminazzjonijiet u l-inugwaljanzi,***l-iżgurar ta' aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità,*** li ħadd ma jitħalla lura u t-tisħiħ tar-reżiljenza jinsabu fil-qalba tal-politika tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp. |
| [60] "Kunsens Ewropew ġdid dwar l-Iżvilupp 'Id-Dinja tagħna, id-Dinjità tagħna, il-Futur tagħna'", Dikjarazzjoni konġunta mill-Kunsill u mir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri li ltaqgħu fil-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea, 8 ta' Ġunju 2017. | [60] "Kunsens Ewropew ġdid dwar l-Iżvilupp 'Id-Dinja tagħna, id-Dinjità tagħna, il-Futur tagħna'", Dikjarazzjoni konġunta mill-Kunsill u mir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri li ltaqgħu fil-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea, 8 ta' Ġunju 2017. |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9a) Il-kultura, inkluż id-djalogu interkulturali, għandha rwol ewlieni fir-relazzjonijiet esterni u l-politiki tal-iżvilupp, b'mod partikolari għall-*** |

***prevenzjoni tal-kunflitti u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti, il-ħolqien tal-paċi u l-għoti tas-setgħa lill-popolazzjonijiet lokali. Strateġija kulturali ambizzjuża u soda, inkluża d-diplomazija kulturali, hija għalhekk meħtieġa biex jintlaħaq Kunsens Ewropew ġdid dwar l-Iżvilupp.***

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (13) Skont l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-monitoraġġ u għar-rappurtar b'enfażi fuq ir-riżultati, li jkopru l-outputs, l-eżiti u l-impatti f'pajjiżi sħab li jibbenefikaw mill-assistenza finanzjarja esterna tal-Unjoni. B'mod partikolari, kif miftiehem fil-Kunsens, l-azzjonijiet permezz ta' dan ir-Regolament huma mistennija li jikkontribwixxu 20 % tal-Assistenza Uffiċjali għall-Iżvilupp iffinanzjata skont dan ir-Regolament għall-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp tal-bniedem, inklużi l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti tas-setgħa lin-nisa. | (13) Skont l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-monitoraġġ u għar-rappurtar b'enfażi fuq ir-riżultati, li jkopru l-outputs, l-eżiti u l-impatti f'pajjiżi sħab li jibbenefikaw mill-assistenza finanzjarja esterna tal-Unjoni. B'mod partikolari, kif miftiehem fil-Kunsens, l-azzjonijiet permezz ta' dan ir-Regolament huma mistennija li jikkontribwixxu 20 % tal-Assistenza Uffiċjali għall-Iżvilupp iffinanzjata skont dan ir-Regolament għall-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp tal-bniedem, inklużi ***l-edukazzjoni, il-kultura, u l-isports,*** l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti tas-setgħa lin-nisa***, liż-żgħażagħ, u lit-tfal biex jintlaħaq żvilupp sostenibbli***. |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (17) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jirrifletti l-ħtieġa ta' konċentrazzjoni fuq prijoritajiet strateġiċi, kemm ġeografikament — il-Viċinat Ewropew u l-Afrika, kif ukoll pajjiżi li huma fraġli u li huma l-aktar fil-bżonn, iżda wkoll | (17) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jirrifletti l-ħtieġa ta' konċentrazzjoni fuq prijoritajiet strateġiċi, kemm ġeografikament – il-Viċinat Ewropew u l-Afrika, kif ukoll pajjiżi li huma fraġli u li huma l-aktar fil-bżonn, iżda wkoll |

| | |
|---|---|
| tematikament — is-sigurtà, il-migrazzjoni, it-tibdil fil-klima u d-drittijiet tal-bniedem. | tematikament – is-sigurtà, il-migrazzjoni, it-tibdil fil-klima***, l-edukazzjoni, il-kultura u l-wirt kulturali, il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini, il-governanza tajba, l-ugwaljanza bejn is-sessi, opportunitajiet indaqs, l-inklużjoni taż-żgħażagħ*** u d-drittijiet tal-bniedem. |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Il-Politika Ewropea tal-Viċinat, kif rieżaminata fl-2015[62], timmira lejn li tistabbilizza l-pajjiżi ġirien u li ssaħħaħ ir-reżiljenza, b'mod partikolari billi ssaħħaħ l-iżvilupp ekonomiku, bħala l-prijoritajiet politiċi ewlenin tal-Unjoni. Biex tilħaq l-għan tagħha, il-Politika Ewropea tal-Viċinat rieżaminata ffukat fuq erba' oqsma ta' prijorità: governanza tajba, ***demokrazija***, ***stat*** tad-dritt u ***drittijiet*** tal-bniedem, b'enfażi partikolari fuq involviment akbar mas-soċjetà ċivili***; l-iżvilupp ekonomiku***; is-sigurtà; il-migrazzjoni u ***l-mobilità***, inkluż l-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari u tal-ispostament furzat. Id-differenzazzjoni u s-sjieda reċiproka akbar huma l-karatteristika tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, li tirrikonoxxi l-livelli differenti ta' involviment, u tirrifletti l-interessi ta' kull pajjiż fir-rigward tan-natura u l-fokus tas-sħubija tiegħu mal-Unjoni. | (19) Il-Politika Ewropea tal-Viċinat, kif rieżaminata fl-2015[62], timmira lejn li tistabbilizza l-pajjiżi ġirien u li ssaħħaħ ir-reżiljenza, b'mod partikolari billi ssaħħaħ l-iżvilupp ekonomiku, bħala l-prijoritajiet politiċi ewlenin tal-Unjoni. Biex tilħaq l-għan tagħha, il-Politika Ewropea tal-Viċinat rieżaminata ffukat fuq erba' oqsma ta' prijorità: governanza tajba, ***id-demokrazija***, ***l-istat*** tad-dritt u ***d-drittijiet*** tal-bniedem, b'enfażi partikolari fuq involviment akbar mas-soċjetà ċivili***, il-promozzjoni ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità u approċċ ibbażat fuq relazzjonijiet interpersonali, ekonomija sostenibbli u l-iżvilupp soċjali***; is-sigurtà; il-migrazzjoni u ***l-mobbiltà***, inkluż l-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari u tal-ispostament ***ta' popolazzjoni u tal-ispostament*** furzat***, anki permezz tal-edukazzjoni u l-kooperazzjoni kulturali***. Id-differenzazzjoni u s-sjieda reċiproka akbar huma l-karatteristika tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, li tirrikonoxxi l-livelli differenti ta' involviment, u tirrifletti l-interessi ta' kull pajjiż fir-rigward tan-natura u l-fokus tas-sħubija tiegħu mal-Unjoni. |
| [62] Komunikazzjoni konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill- | [62] Komunikazzjoni konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill- |

| | |
|---|---|
| Kumitat tar-Reġjuni, “Rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat”, 18 ta' Novembru 2015. | Kumitat tar-Reġjuni, "Rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat", 18 ta' Novembru 2015. |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jappoġġa l-implimentazzjoni ta' ftehim ta' assoċjazzjoni modernizzat mal-pajjiżi mill-Grupp ta' Stati mill-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku (AKP) u jippermetti lill-UE u lis-sħab tagħha tal-AKP biex ikomplu jiżviluppaw alleanzi b'saħħithom dwar sfidi dinjija ewlenin. B'mod partikolari, dan ir-Regolament jenħtieġ li jappoġġa l-kontinwazzjoni tal-kooperazzjoni stabbilita bejn l-Unjoni u l-Unjoni Afrikana f'konformità mal-Istrateġija Konġunta UE-Afrika u jibni fuq il-ftehim futur bejn l-UE u l-AKP wara l-2020, inkluż permezz ta' approċċ kontinentali lejn l-Afrika. | (20) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jappoġġa l-implimentazzjoni ta' ftehim ta' assoċjazzjoni modernizzat mal-pajjiżi mill-Grupp ta' Stati mill-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku (AKP) u jippermetti lill-UE u lis-sħab tagħha tal-AKP biex ikomplu jiżviluppaw alleanzi b'saħħithom dwar sfidi dinjija ewlenin. B'mod partikolari, dan ir-Regolament jenħtieġ li jappoġġa l-kontinwazzjoni tal-kooperazzjoni stabbilita bejn l-Unjoni u l-Unjoni Afrikana f'konformità mal-Istrateġija Konġunta UE-Afrika***, inkluż l-impenn mill-Afrika u l-UE biex jippromwovu d-drittijiet tat-tfal kif ukoll l-għoti tas-setgħa liż-żgħażagħ tal-Ewropa u tal-Afrika,*** u jibni fuq il-ftehim futur bejn l-UE u l-AKP wara l-2020, inkluż permezz ta' approċċ kontinentali lejn l-Afrika. |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (22) Il-finanzjament minn dan ir-Regolament jenħtieġ jintuża biex jiffinanzja azzjonijiet taħt id-dimensjoni internazzjonali ta' Erasmus, li l-implimentazzjoni tagħhom jenħtieġ li ssir skont ir-Regolament dwar Erasmus[68]. | (22) Il-finanzjament minn dan ir-Regolament jenħtieġ jintuża biex jiffinanzja azzjonijiet taħt id-dimensjoni internazzjonali ta' Erasmus ***u ta' Ewropa Kreattiva***, li l-implimentazzjoni tagħhom jenħtieġ li ssir skont ir-Regolament dwar Erasmus[68] ***u r-Regolament dwar Ewropa Kreattiva[68a]***. |

[68] COM (2018) 367 final, Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi "Erasmus": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport u li jħassar ir-Regolament (UE) 1288/2013

[68] COM (2018) 367 final, Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi "Erasmus": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport u li jħassar ir-Regolament (UE) 1288/2013***;***

***[68a] COM (2018) final Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm Ewropa Kreattiva (mill-2021 sal-2027) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013***

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 25**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (25) Filwaqt li d-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, fosthom l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti tas-setgħa lin-nisa jenħtieġ li jiġu riflessi matul l-implimentazzjoni kollha ta' dan ir-Regolament, l-assistenza tal-Unjoni permezz tal-programmi tematiċi għad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jenħtieġ li jkollha rwol speċifiku komplementari u addizzjonali minħabba n-natura dinjija tagħha, u l-indipendenza tal-azzjoni tagħha mill-kunsens tal-gvernijiet u tal-awtoritajiet pubbliċi tal-pajjiżi terzi kkonċernati**.** | (25) Filwaqt li d-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, fosthom l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti tas-setgħa lin-nisa ***u liż-żgħażagħ*** jenħtieġ li jiġu riflessi matul l-implimentazzjoni kollha ta' dan ir-Regolament, l-assistenza tal-Unjoni permezz tal-programmi tematiċi għad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jenħtieġ li jkollha rwol speċifiku komplementari u addizzjonali minħabba n-natura dinjija tagħha, u l-indipendenza tal-azzjoni tagħha mill-kunsens tal-gvernijiet u tal-awtoritajiet pubbliċi tal-pajjiżi terzi kkonċernati |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 28a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(28a) Fid-dawl tar-rilevanza tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***indirizzar tal-edukazzjoni u l-kultura skont l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-istrateġija tal-UE għal relazzjonijiet kulturali internazzjonali, dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-iżgurar ta' edukazzjoni ta' kwalità inklużiva u ekwa, jippromwovi opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja għal kulħadd u jrawwem relazzjonijiet kulturali internazzjonali fid-dawl tar-rwol tal-UE bħala attur globali.*** |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 34**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (34) L-EFSD + jenħtieġ li jkollu l-għan li ***jappoġġaw*** l-investimenti bħala mezz ***li jikkontribwixxu*** biex ***jinkisbu l-Għanijiet ta'*** Żvilupp Sostenibbli ***permezz tat-trawwim ta' żvilupp*** ekonomiku u soċjali sostenibbli u inklużiv ***u billi*** jippromwovi r-reżiljenza soċjoekonomika tal-pajjiżi sħab***, b'enfasi*** partikolari fuq il-qerda tal-faqar, ***it-tkabbir*** sostenibbli u inklużiv, il-ħolqien ta' impjiegi diċenti, ***l-opportunitajiet*** ekonomiċi, ***il-ħiliet*** u l-intraprenditorija, is-setturi soċjoekonomiċi, l-intrapriżi mikro, żgħar u medji***,*** kif ukoll ***billi jiġu indirizzati l-kawżi*** soċjoekonomiċi speċifiċi tal-migrazzjoni irregolari, f'konformità mad-dokumenti rilevanti ta' programmazzjoni indikattiva. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-pajjiżi identifikati bħala li għaddejjin minn fraġilità jew kunflitt, lill-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u lill-pajjiżi fqar b'ħafna dejn. | (34) L-EFSD + jenħtieġ li jkollu l-għan li ***jappoġġa*** l-investimenti bħala mezz biex ***jikkontribwixxi għall-ksib tal-Għanijiet ta'*** Żvilupp Sostenibbli ***billi jrawwem l-iżvilupp*** ekonomiku***, kulturali*** u soċjali sostenibbli u inklużiv***, jappoġġa sistemi moderni ta' edukazzjoni, isaħħaħ l-istrutturi kulturali u*** jippromwovi r-reżiljenza soċjoekonomika tal-pajjiżi sħab***; Jenħtieġ li jagħmel enfasi*** partikolari fuq il-qerda tal-faqar, ***inkluż il-faqar edukattiv, il-promozzjoni ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità inklużivi u ekwi, tkabbir*** sostenibbli u inklużiv, ***aċċess wiesa' għall-kultura,*** il-ħolqien ta' impjiegi diċenti, ***opportunitajiet*** ekonomiċi, ***ħiliet trasferibbli*** u l-intraprenditorija, ***inklużi l-intraprenditorija soċjali ,*** is-setturi soċjoekonomiċi, l-intrapriżi mikro, żgħar u medji kif ukoll ***l-indirizzar tal-kawżi*** soċjoekonomiċi speċifiċi tal-migrazzjoni irregolari ***u l-ispostament tal-popolazzjoni***, f'konformità mad-dokumenti rilevanti ta' programmazzjoni indikattiva. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-pajjiżi identifikati bħala li għaddejjin minn fraġilità jew kunflitt, lill-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u lill-pajjiżi fqar b'ħafna dejn. |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 34a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(34a) Huwa essenzjali wkoll li, f'konformità mal-valuri fundamentali Ewropej, l-EFSD+ jintuża biex jittejjeb l-aċċess għall-edukazzjoni għat-tfal kollha fl-oqsma ta' emerġenza umanitarja kif ukoll biex jiġi appoġġat l-istabbiliment ta' kurituri tal-edukazzjoni sabiex jiġi żgurat li jiġi rrispettat id-dritt għall-edukazzjoni għat-tfal f'sitwazzjoni ta' spostament furzat u ta' migrazzjoni.*** |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 34b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(34b) Id-dimensjoni internazzjonali tal-Programm Erasmus Plus jenħtieġ li tingħata spinta bil-għan li żżid l-opportunitajiet għall-mobbiltà u l-kooperazzjoni għall-individwi u l-organizzazzjonijiet minn pajjiżi inqas żviluppati tad-dinja - billi tappoġġa l-bini tal-kapaċità fil-pajjiżi terzi, l-iżvilupp tal-ħiliet, l-iskambji bejn il-persuni, filwaqt li toffri għadd akbar ta' opportunitajiet għall-kooperazzjoni u l-mobbiltà ma' pajjiżi żviluppati u emerġenti.*** |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) fil-livell dinji, li jikkonsolida u | (b) fil-livell dinji, li jikkonsolida u |

| | |
|---|---|
| jappoġġa d-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, ***l-appoġġ għall-organizzazzjonijiet*** tas-soċjetà ċivili, aktar stabbiltà u paċi u li jindirizza sfidi dinjija oħra, inkluż il-migrazzjoni u l-mobbiltà; | jappoġġa d-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, ***jimmira li jtejjeb il-kwalità tal-edukazzjoni u jagħmilha aċċessibbli għal kulħadd, li jappoġġa l-organizzazzjonijiet*** tas-soċjetà ċivili, aktar stabbiltà u paċi u li jindirizza sfidi dinjija oħra, inkluż il-migrazzjoni u l-mobbiltà; |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) li jrawwem edukazzjoni ta' kwalità u inklużiva u relazzjonijiet kulturali internazzjonali bħala fatturi ewlenin għall-għanijiet ta' żvilupp u ta' kooperazzjoni internazzjonali, billi jitnaqqsu l-inugwaljanzi u l-faqar, tingħata s-setgħa lin-nies biex jgħixu ħajjiet aktar b'saħħtihom u sostenibbli u jitrawmu t-tolleranza u l-għarfien sabiex jinħolqu aktar soċjetajiet paċifiċi;*** |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) jikkontribwixxu għat-tisħiħ tar-reżiljenza tal-istati, tas-soċjetajiet, tal-komunitajiet u tal-individwi u ***biex jorbtu l-azzjoni tal-għajnuna*** umanitarja u ***tal-iżvilupp***; | (b) jikkontribwixxu għat-tisħiħ tar-reżiljenza tal-istati, tas-soċjetajiet, tal-komunitajiet***, tas-soċjetajiet ċivili*** u tal-individwi u ***għall-istabbiliment ta' rabta bejn l-għajnuna*** umanitarja u ***l-azzjoni ta' żvilupp***; |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 4a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
| --- | --- |
| | ***4a. Sabiex tiġi promossa d-dimensjoni internazzjonali tal-edukazzjoni u tal-kultura, ammont indikattiv li jikkorrispondi għal mill-inqas 15 % tal-pakkett finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi allokat għal azzjonijiet fir-rigward tal-kooperazzjoni u tad-djalogu ta' politika dwar il-kultura, l-edukazzjoni, iż-żgħażagħ u l-isport ma' pajjiżi terzi.*** |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 2**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
| --- | --- |
| 2. Għandu jiġi applikat approċċ ibbażat fuq id-drittijiet li jinkludi d-drittijiet kollha tal-bniedem, sew ċivili u politiċi jew ekonomiċi, soċjali u kulturali sabiex jiġu integrati l-prinċipji tad-drittijiet tal-bniedem, sabiex id-detenturi tad-dritt jiġu appoġġati fil-pretensjoni tad-drittijiet tagħhom b'enfasi fuq gruppi aktar foqra u aktar vulnerabbli u sabiex il-pajjiżi sħab jiġu appoġġati fl-implimentazzjoni tal-obbligi internazzjonali tagħhom dwar id-drittijiet tal-bniedem. Dan ir-Regolament għandu jippromwovi l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti tas-setgħa lin-nisa. | 2. Għandu jiġi applikat approċċ ibbażat fuq id-drittijiet li jinkludi d-drittijiet kollha tal-bniedem, sew ċivili u politiċi jew ekonomiċi, soċjali u kulturali sabiex jiġu integrati l-prinċipji tad-drittijiet tal-bniedem, sabiex id-detenturi tad-dritt jiġu appoġġati fil-pretensjoni tad-drittijiet tagħhom b'enfasi fuq gruppi aktar foqra u aktar vulnerabbli u ***marġinalizzati, inklużi l-minoranzi u*** sabiex il-pajjiżi sħab jiġu appoġġati fl-implimentazzjoni tal-obbligi internazzjonali tagħhom dwar id-drittijiet tal-bniedem. ***B'mod partikolari, l-Unjoni għandha tappoġġa l-edukazzjoni u l-isport bħala għodda biex trawwem l-iżvilupp, tikkontribwixxi għall-qerda tal-faqar, kif ukoll biex tippromwovi l-konsolidazzjoni tal-paċi, l-inklużjoni soċjali u ċ-ċittadinanza attiva, u tiżgura aċċess għall-kultura.*** Dan ir-Regolament għandu jippromwovi l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti tas-setgħa lin-nisa***, ż-żgħażagħ u t-tfal***. |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 2a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***2a. Sabiex jiġi mmassimizzat l-impatt tar-Regolament fuq il-popolazzjonijiet, b'mod partikolari l-gruppi l-aktar vulnerabbli, l-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa mhux biss il-kooperazzjoni istituzzjonali iżda wkoll l-inizjattivi fil-livell lokali, il-kuntatti bejn il-persuni u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.*** |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| L-Unjoni għandha tappoġġa, kif xieraq, l-implimentazzjoni ta' kooperazzjoni u djalogu bilaterali, reġjonali u multilaterali, ftehimiet ta' sħubija u kooperazzjoni triangolari. | L-Unjoni għandha tappoġġa, kif xieraq, l-implimentazzjoni ta' kooperazzjoni u djalogu bilaterali, reġjonali u multilaterali, ftehimiet ta' sħubija u kooperazzjoni triangolari***, inkluż permezz ta' djalogu strutturat bejn l-istituzzjonijiet u s-soċjetà ċivili, u eżerċizzji ta' tagħlim bejn il-pari bejn is-soċjetà ċivili minn pajjiżi u reġjuni differenti***. |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 4 – subparagrafu 1**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| Il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, fuq naħa, u l-pajjiżi sħab, fuq in-naħa l-oħra, għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipji tal-effettività tal-iżvilupp u għandha tippromwovihom, fejn applikabbli, jiġifieri: is-sjieda tal-prijoritajiet tal-iżvilupp mill-pajjiżi sħab, ***fowkus*** fuq ir-riżultati, sħubijiet inklużivi għall-iżvilupp, it-trasparenza u l- | Il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, fuq naħa, u l-pajjiżi sħab, fuq in-naħa l-oħra, għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipji tal-effettività tal-iżvilupp u għandha tippromwovihom, fejn applikabbli, jiġifieri: is-sjieda tal-prijoritajiet tal-iżvilupp mill-pajjiżi sħab, ***enfasi*** fuq ir-riżultati, sħubijiet inklużivi għall-iżvilupp, it-trasparenza u l- |

| | |
|---|---|
| akkontabbiltà reċiproka. L-Unjoni għandha tippromwovi mobilizzazzjoni u użu effettivi u effiċjenti tar-riżorsi. | akkontabbiltà reċiproka ***u r-rispett***. L-Unjoni għandha tippromwovi mobilizzazzjoni u użu effettivi u effiċjenti tar-riżorsi. |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 − paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Il-programmi u l-azzjonijiet skont dan ir-Regolament għandhom jintegraw it-tibdil fil-klima, il-protezzjoni ambjentali u l-ugwaljanza bejn is-sessi u għandhom jindirizzaw l-interkonnessjonijiet bejn l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, biex jippromwovu azzjonijiet integrati li jistgħu joħolqu kobenefiċċji u jilħqu għanijiet multipli b'mod koerenti. Dawn il-programmi u l-azzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq analiżi tar-riskji u l-vulnerabbiltajiet, jintegraw approċċ ***ta' reżiljenza*** u jkunu sensittivi għall-kunflitti. Huma għandhom ikunu ggwidati mill-prinċipju li ħadd ma jitħalla lura. | 6. Il-programmi u l-azzjonijiet skont dan ir-Regolament għandhom jintegraw it-tibdil fil-klima, il-protezzjoni ambjentali***, l-edukazzjoni u l-kultura,*** u l-ugwaljanza bejn is-sessi u għandhom jindirizzaw l-interkonnessjonijiet bejn l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, biex jippromwovu azzjonijiet integrati li jistgħu joħolqu kobenefiċċji u jilħqu għanijiet multipli b'mod koerenti. Dawn il-programmi u l-azzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq analiżi tar-riskji u l-vulnerabbiltajiet, ***inkluż il-fehim ta' forom differenti ta' diskriminazzjoni, diskriminazzjoni multipla, u l-impatti tagħhom fuq gruppi speċifiċi inklużi n-nisa u ż-żgħażagħ,*** jintegraw approċċ ***preventiv reżiljenti*** u jkunu sensittivi għall-kunflitti. Huma għandhom ikunu ggwidati mill-prinċipju li ħadd ma jitħalla lura. |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Għandu jiġi segwit approċċ aktar koordinat, olistiku u strutturat għall-migrazzjoni mas-sħab u l-effikaċja tiegħu tiġi vvalutata regolarment. | 7. Għandu jiġi segwit approċċ aktar koordinat, olistiku u strutturat għall-migrazzjoni***, mingħajr preġudizzju għall-għanijiet l-oħra tal-azzjoni esterna tal-UE,*** mas-sħab u l-effikaċja tiegħu tiġi vvalutata regolarment. |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Sabiex tikkontribwixxi għal żvilupp sostenibbli, li jirrikjedi l-kisba ta' soċjetajiet stabbli, paċifiċi u inklużivi, l-assistenza tal-Unjoni skont dan ir-Regolament tista' tintuża fil-kuntest ta' riforma aktar wiesgħa fis-settur tas-sigurtà jew biex tibni l-kapaċità tal-atturi militari fil-pajjiżi sħab, fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali stabbiliti fil-paragrafu 4, biex jitwettqu attivitajiet ta' żvilupp u sigurtà għall-attivitajiet ta' żvilupp. | 2. Sabiex tikkontribwixxi għal żvilupp sostenibbli, li jirrikjedi l-kisba ta' soċjetajiet stabbli***, kulturalment konxji***, paċifiċi u inklużivi, l-assistenza tal-Unjoni skont dan ir-Regolament tista' tintuża fil-kuntest ta' riforma aktar wiesgħa fis-settur tas-sigurtà jew biex tibni l-kapaċità tal-atturi militari fil-pajjiżi sħab, fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali stabbiliti fil-paragrafu 4, biex jitwettqu attivitajiet ta' żvilupp u sigurtà għall-attivitajiet ta' żvilupp. |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Dan ir-Regolament għandu ***jikkontribwixxu*** għal azzjonijiet stabbiliti taħt ir-Regolament (UE) Nru.../... (Erasmus). Minn dan ir-Regolament għandu jitfassal dokument wieħed ta' programmazzjoni għal seba' snin, li jinkludi fondi mir-Regolament (UE) Nru.../... (IPA III). Ir-Regolament (UE) **.../...** (Erasmus) għandu japplika għall-użu ta' dawk il-fondi. | 7. Dan ir-Regolament għandu ***jikkontribwixxi finanzjarjament*** għal azzjonijiet stabbiliti taħt ir-Regolament (UE) Nru.../... (Erasmus) ***u r-Regolament (UE) Nru. ../... (Ewropa Kreattiva)***. Minn dan ir-Regolament għandu jitfassal dokument wieħed ta' programmazzjoni għal seba' snin, li jinkludi fondi mir-Regolament (UE) Nru.../... (IPA III). Ir-Regolament (UE) ***Nru.../...*** (Erasmus) ***u r-Regolament (UE) Nru.../... (Ewropa Kreattiva).*** għandu japplika għall-użu ta' dawk il-fondi***, filwaqt li tiġi żgurata l-konformità ma' dan ir-Regolament u mar-Regolament (UE) Nru .../... (IPA II)***. |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-ħtiġijiet, ***bl-użu*** ta' ***indikaturi bħall-popolazzjoni*** u ***l-livell ta' żvilupp***; | (a) il-ħtiġijiet, ***stabbiliti fuq il-bażi*** ta' ***kriterji speċifiċi*** u ***analiżi ddettaljata, li jqisu l-popolazzjoni, il-faqar, l-inugwaljanza, l-iżvilupp tal-bniedem, il-vulnerabbiltà ekonomika u ambjentali, id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-ispazju ċiviku, l-ugwaljanza bejn is-sessi u r-reżiljenza tal-istat u tas-soċjetà***; |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 23 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) għotjiet lill-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll lill-Global Campus, liċ-Ċentru Interuniversitarju Ewropew għad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokratizzazzjoni, li jipprovdi Lawrja Ewropea ta' Masters fid-Drittijiet tal-Bniedem u fid-Demokratizzazzjoni, u n-netwerk assoċjat tiegħu ta' universitajiet li jipprovdu diplomi postgraduate dwar id-drittijiet tal-bniedem, inklużi boroż ta' studju ***lil studenti*** u ***difensuri*** tad-drittijiet tal-bniedem minn pajjiżi terzi. | (c) għotjiet lill-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll lill-Global Campus, liċ-Ċentru Interuniversitarju Ewropew għad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokratizzazzjoni, li jipprovdi Lawrja Ewropea ta' Masters fid-Drittijiet tal-Bniedem u fid-Demokratizzazzjoni, u n-netwerk assoċjat tiegħu ta' universitajiet li jipprovdu diplomi postgraduate dwar id-drittijiet tal-bniedem, inklużi ***mobbiltà u opportunitajiet ta'*** boroż ta' studju ***għall-istudenti, ir-riċerkaturi, l-għalliema*** u ***d-difensuri*** tad-drittijiet tal-bniedem minn pajjiżi terzi. |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-progress fir-rigward tar-riżultati mistennija għandu jiġi mmonitorjat fuq il-bażi ta' indikaturi ċari, trasparenti u, fejn | Il-progress fir-rigward tar-riżultati mistennija għandu jiġi mmonitorjat fuq il-bażi ta' indikaturi ċari, trasparenti u, fejn |

| | |
|---|---|
| ikun xieraq, ***miżurabbli***. L-għadd ta' indikaturi għandu jkun limitat biex jiffaċilita r-rapportar f'waqtu. | ikun xieraq, ***li jistgħu jitkejlu. F'konformità mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, l-indikaturi għandhom tal-inqas jiġu diżaggregati skont is-sess u l-età.*** L-għadd ta' indikaturi għandu jkun limitat biex jiffaċilita r-rapportar f'waqtu. |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – parti A – punt 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) Tisħiħ tar-rwol tal-edukazzjoni fit-tixrid tal-valuri tal-libertà, it-tolleranza u n-nondiskriminazzjoni u l-promozzjoni tar-rwol tal-kultura biex jissaħħaħ il-fehim reċiproku fi ħdan is-soċjetajiet u t-trawwim tal-paċi u l-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni;*** |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – parti A – punt 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) Promozzjoni tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fil-forom kollha tagħha, kif ukoll tal-prinċipju tal-ugwaljanza, b'mod partikolari l-ugwaljanza bejn is-sessi u ***d-drittijiet*** tal-persuni li jappartjenu għal minoranzi; | (c) Promozzjoni tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fil-forom kollha tagħha, kif ukoll tal-prinċipju tal-ugwaljanza, b'mod partikolari l-ugwaljanza bejn is-sessi***, f'konformità mal-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa*** u ***l-Protokolli Fakultattivi tagħha, id-drittijiet*** tal-persuni li jappartjenu għal minoranzi ***kif indikat fid-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni li jappartjenu għal Minoranzi Nazzjonali, Etniċi, Reliġjużi u Lingwistiċi, id-drittijiet tal-persuni indiġeni kif indikat fid-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni, u d-drittijiet tal-persuni leżbjani, gay, bisesswali, transġeneru u intersesswali (LGBTI), inklużi miżuri biex tiġi*** |

***dekriminalizzata l-omosesswalità, tiġi miġġielda l-vjolenza u l-perskeuzzjoni omofobiċi u transfobiċi , u tiġi promossa l-libertà tal-għaqda, ta' assoċjazzjoni u ta' espressjoni għall-persuni LGBTI***;

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – parti A – punt 1 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) Promozzjoni tal-kultura, il-wirt kulturali u espressjonijiet kreattivi u artistiċi kif ukoll kooperazzjoni u sħubijiet fost l-istituzzjonijiet u s-setturi kulturali u kreattivi, tisħiħ tad-dimensjoni ekonomika, soċjali u esterna tal-kooperazzjoni fil-livell Ewropew, tisħiħ tal-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi;*** |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – parti A – punt 1 – punt db (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(db) Promozzjoni u appoġġ tar-rikonoxximent mill-istituzzjonijiet edukattivi u ta' taħriġ tal-Istati Membri ta' diplomi u perjodi ta' tagħlim barra mill-pajjiż taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi;*** |

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – parti A – punt 1 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) Promozzjoni u appoġġ tal-mobbiltà ta' professjonisti, artisti, riċerkaturi, għalliema, voluntiera u studenti kulturali*** |

| | |
|---|---|
| | ***u kreattivi, kif ukoll persunal ta' istituzzjonijiet kulturali, edukattivi u tal-isport;*** |

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – parti A – punt 1 – punt eb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(eb) Appoġġ tal-involviment u tal-parteċipazzjoni attiva taż-żgħażagħ u tas-sħubiji fost l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ;*** |

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – parti A – punt 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) Qerda tal-faqar fid-dimensjonijiet kollha tiegħu, indirizzar tad-diskriminazzjoni u tal-inugwaljanzi, u sforzi biex ħadd ma jaqa' lura; | (a) Qerda tal-faqar fid-dimensjonijiet kollha tiegħu, ***anke dik edukattiva,*** indirizzar tad-diskriminazzjoni u tal-inugwaljanzi, u sforzi biex ħadd ma jaqa' lura; |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – parti A – punt 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) Tisħiħ tal-isforzi għall-adozzjoni ta' politiki u għal investiment xieraq biex jiġu promossi d-drittijiet tan-nisa u taż-żgħażagħ, biex jiġi ffaċilitat l-involviment tagħhom fil-ħajja soċjali, ċivika u ekonomika, u biex jiġi żgurat il-kontribut sħiħ tagħhom għat-tkabbir inklużiv u għall-iżvilupp sostenibbli; | (b) Tisħiħ tal-isforzi għall-adozzjoni ta' politiki u għal investiment xieraq biex jiġu promossi d-drittijiet ***tat-tfal,*** tan-nisa u taż-żgħażagħ***, inkluż id-dritt ta' aċċess tagħhom għall-kultura u l-edukazzjoni***, biex jiġi ffaċilitat l-involviment tagħhom fil-ħajja soċjali, ċivika u ekonomika, u biex jiġi żgurat il-kontribut sħiħ tagħhom għat-tkabbir inklużiv u għall-iżvilupp sostenibbli; |

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – parti A – punt 2 – punt m**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (m) ***Promozzjoni*** ta' edukazzjoni ta' kwalità tajba li tkun inklużiva u ekwa, formali, informali u mhux formali għal kulħadd fil-livelli kollha u li tkun tinkludi taħriġ tekniku u vokazzjonali, inkluż f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza u ta' kriżi, u wkoll permezz tal-użu ta' teknoloġiji diġitali biex jittejbu t-tagħlim u l-apprendiment fl-edukazzjoni; | (m) ***Żgurar*** ta' edukazzjoni ta' kwalità tajba li tkun inklużiva u ekwa, formali, informali u mhux formali ***u promozzjoni ta' opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja*** għal kulħadd fil-livelli kollha u li tkun tinkludi taħriġ tekniku u vokazzjonali, inkluż f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza u ta' kriżi, u wkoll permezz tal-użu ta' teknoloġiji diġitali biex jittejbu t-tagħlim u l-apprendiment fl-edukazzjoni***, inkluż l-użu tat-teknoloġiji tal-lingwa, u l-użu ta' metodoloġiji ta' tagħlim kemm online (MOOC) kif ukoll imħallat***; |

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – parti A – punt 2 – punt ma (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ma) Appoġġ ta' kurituri tal-edukazzjoni biex tiġi żgurat li l-istudenti li jkunu ġejjin minn pajjiżi li jinsabu f'gwerra jistgħu jattendu universitajiet tal-Unjoni;*** |

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – parti A – punt 2 – punt n**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (n) Appoġġ għal azzjonijiet ta' bini ta' kapaċità***, għall-mobilità*** fit-tagħlim lejn, minn jew bejn pajjiżi ***sħab***, kif ukoll għall-kooperazzjoni u d-djalogu politiku ma' istituzzjonijiet, organizzazzjonijiet, korpi u awtoritajiet lokali ta' implimentazzjoni, | (n) Appoġġ għal azzjonijiet ta' ***mobbiltà*** fit-tagħlim***,*** bini ta' kapaċità ***u kooperazzjoni kulturali*** lejn, minn jew bejn ***l-Unjoni u*** pajjiżi ***terzi***, kif ukoll għall-kooperazzjoni u d-djalogu politiku ma' istituzzjonijiet, organizzazzjonijiet, |

| | |
|---|---|
| minn dawk il-pajjiżi; | korpi u awtoritajiet lokali ta' implimentazzjoni, minn dawk il-pajjiżi; |

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – parti A – punt 2 – punt oa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(oa) Appoġġ għal azzjonijiet, u promozzjoni tal-kooperazzjoni, fil-qasam tal-isport li jikkontribwixxu għall-għoti tas-setgħa lin-nisa u liż-żgħażagħ, lill-individwi u lill-komunitajiet kif ukoll għall-għanijiet tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tal-inklużjoni soċjali tal-Aġenda 2030.*** |

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – parti A – punt 2 – punt q**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (q) ***Il-promozzjoni*** ta' djalogu interkulturali u diversità kulturali fil-forom kollha tagħhom, u ***l-preservazzjoni*** u ***l-promozzjoni*** tal-wirt kulturali, u ***l-isfruttar*** tal-potenzjal ***tal-industriji*** kreattivi għal żvilupp soċjali u ekonomiku sostenibbli; | (q) ***Promozzjoni*** ta' djalogu interkulturali u diversità kulturali fil-forom kollha tagħhom, u ***preservazzjoni*** u ***promozzjoni*** tal-wirt kulturali, u ***sfruttar*** tal-potenzjal ***tas-setturi kulturali u*** kreattivi għal żvilupp soċjali u ekonomiku sostenibbli; |

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – parti A – punt 4 – punt fa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fa) Promozzjoni tal-Edukazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli (ESD) biex in-nies jingħataw is-setgħa li jittrasformaw is-soċjetà u joħolqu futur sostenibbli.*** |

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – parti A – punt 5 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) ***Il-promozzjoni*** tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali interna, li ssawwar rabtiet aktar b'saħħithom bejn iż-żoni urbani u rurali u ***jiġi ffaċilitat l-iżvilupp*** tas-settur tat-turiżmu bħala ingranaġġ għall-iżvilupp sostenibbli; | (g) ***Promozzjoni*** tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali interna, li ssawwar rabtiet aktar b'saħħithom bejn iż-żoni urbani u rurali u ***faċilitazzjoni tal-iżvilupp kemm tal-industriji kreattivi kif ukoll*** tas-settur tat-turiżmu ***kulturali*** bħala ingranaġġ għall-iżvilupp sostenibbli; |

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – parti A – punt 5 – punt o**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (o) Promozzjoni tal-kooperazzjoni fl-oqsma tax-xjenza, tat-teknoloġija u tar-riċerka, kif ukoll tad-data miftuħa u tal-innovazzjoni; | (o) Promozzjoni tal-kooperazzjoni fl-oqsma tax-xjenza, tat-teknoloġija u tar-riċerka, kif ukoll tad-data miftuħa u tal-innovazzjoni***, inkluż l-iżvilupp tad-diplomazija tax-xjenza***; |

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – parti A – punt 5 – punt p**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (p) Promozzjoni ta' djalogu interkulturali u diversità kulturali fil-forom kollha tagħha, kif ukoll ***il-preservazzjoni u l-promozzjoni tal-patrimonju*** kulturali; | (p) Promozzjoni ta' djalogu interkulturali u diversità kulturali fil-forom kollha tagħha, ***preservazzjoni u promozzjoni tal-patrimonju kulturali,*** kif ukoll ***arti kontemporanja u espressjonijiet*** kulturali; |

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – parti A – punt 6 – punt ba (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(ba) Appoġġ tal-prevenzjoni ta' kunflitti permezz tal-edukazzjoni għall-paċi, trawwim tal-kooperazzjoni internazzjonali fil-kultura, ix-xjenza u r-riċerka;*** |

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – parti A – punt 7 – punt e**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (e) Involviment ***mal-awtoritajiet lokali u għoti ta' appoġġ lir-rwol tagħhom bħala dawk li jfasslu l-politika u jieħdu d-deċiżjonijiet***, ***biex tingħata spinta lill-iżvilupp lokali u lill-governanza aħjar***; | (e) Involviment ***aktar effettiv maċ-ċittadini f'pajjiżi terzi, inkluż billi jsir użu sħiħ mid-diplomazija ekonomika***, ***kulturali, pubblika u tal-isport*** ; |

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – parti A – punt 7 – punt f**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (f) Involviment aktar effettiv maċ-ċittadini ***f'pajjiżi*** terzi, inkluż billi jsir użu sħiħ mid-diplomazija ekonomika, kulturali u ***pubblika***; | (f) Involviment aktar effettiv maċ-ċittadini ***f'pajjiżi*** terzi, inkluż billi jsir użu sħiħ mid-diplomazija ekonomika, kulturali***, pubblika*** u ***tal-isport u mir-relazzjonijiet kulturali***; |

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**
**Anness II - parti B - punt c**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (c) Promozzjoni ta' sħubija msaħħa ma' soċjetajiet bejn l-Unjoni u l-pajjiżi sħab, inkluż permezz ta' ***kuntatti*** bejn il-persuni; | (c) Promozzjoni ta' sħubija msaħħa ma' soċjetajiet bejn l-Unjoni u l-pajjiżi sħab, inkluż permezz ta' ***kuntatt*** bejn il-persuni***, b'mod partikolari b'rabta mal-attivitajiet*** |

| | |
|---|---|
| | ***kulturali, edukattivi, professjonali u tal-isport***; |

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – punt 4 – parti A – punt 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) Promozzjoni tal-isforzi globali konġunti ***għal*** edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità tajba li jkunu inklużivi u ekwi fil-livelli kollha, inkluż f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza u ta' kriżi; | (a) Promozzjoni tal-isforzi globali konġunti ***biex jiġi miġġieled il-faqar fl-edukazzjoni u jitrawmu*** edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità tajba li jkunu inklużivi u ekwi fil-livelli kollha ***u għall-persuni ta' kull età, b'mod partikolari s-subien u l-bniet***, inkluż f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza u ta' kriżi***, li jagħmlu disponibbli kwoti akbar previsti fil-programm għall-aċċess għall-edukazzjoni u għas-servizzi tal-edukazzjoni***; |

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – punt 4 – parti A – punt 2 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) Appoġġ għal azzjonijiet, u promozzjoni tal-kooperazzjoni, fil-qasam tal-isport li jikkontribwixxu għall-għoti tas-setgħa lin-nisa u liż-żgħażagħ, lill-individwi u lill-komunitajiet kif ukoll għall-għanijiet tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tal-inklużjoni soċjali tal-Aġenda 2030.*** |

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – punt 4 – parti A – punt 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) Tisħiħ tal-għarfien, il-ħiliet u l- | (b) Tisħiħ tal-għarfien, ***ir-riċerka u l-*** |

valuri permezz ta' sħubiji u alleanzi, għall-finijiet ta' ċittadinanza attiva u produttiva kif ukoll ta' soċjetajiet inklużivi u reżiljenti;

***innovazzjoni,*** il-ħiliet u l-valuri permezz ta' sħubiji u alleanzi, għall-finijiet ta' ċittadinanza attiva u produttiva kif ukoll ta' soċjetajiet ***mgħarrfa, demokratiċi,*** inklużivi u reżiljenti;

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – punt 4 – parti A – punt 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. L-isport*** |
| | ***a) Appoġġ tal-kooperazzjoni u tas-sħubiji fost l-organizzazzjonijiet tal-isport;*** |

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – punt 4 – parti A – punt 6 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) Promozzjoni ta' inizjattivi għad-diversità kulturali u ***d-djalogu interkulturali*** għal relazzjonijiet interkomunitarji paċifiċi; | (a) Promozzjoni ta' inizjattivi għad-diversità kulturali***, id-djalogu interkulturali*** u ***interreliġjuż*** għal relazzjonijiet interkomunitarji paċifiċi; |

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – punt 4 – parti A – punt 6 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) Għoti ta' appoġġ lill-kultura bħala katalist għal żvilupp soċjali u ekonomiku sostenibbli u għar-rinforz tal-kooperazzjoni fir-rigward tal-patrimonju kulturali**.** | (b) Għoti ta' appoġġ lill-kultura ***u lill-espressjoni kreattiva u artistika għall-valur intrinsiku tagħhom u*** bħala katalist għal żvilupp soċjali***, personali*** u ekonomiku sostenibbli***,*** u għar-rinforz tal-kooperazzjoni fir-rigward tal-patrimonju kulturali ***u l-arti kontemporanja u espressjonijiet kulturali oħra;*** |

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – punt 4 – parti A – punt 6 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) Għoti ta' appoġġ lill-kooperazzjoni kulturali mal-UE, inkluż permezz ta' skambji, sħubiji u inizjattivi oħra li jinvolvu lis-sħab lokali u lis-soċjetà ċivili, flimkien mal-atturi, is-setturi u l-istituzzjonijiet kulturali Ewropej.*** |

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – punt 4 – parti A – punt 6 – punt bb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(bb) Għoti ta' appoġġ lir-rikonoxximent tal-professjonaliżmu tal-awturi, l-artisti u l-operaturi kulturali u kreattivi biex jiżviluppaw djalogu interkulturali, innovazzjoni kulturali u artistika, inklużjoni soċjali u biex joperaw fil-livell internazzjonali;*** |

**Emenda 66**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – punt 4 – parti A – punt 6 – punt bc (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(bc) Rinforz tal-kooperazzjoni dwar is-salvagwardja, il-konservazzjoni u t-tisħiħ tal-patrimonju kulturali;*** |

**Emenda 67**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – punt 4 – parti A – punt 6 – punt bd (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(bd) Titjib taċ-ċirkolazzjoni transnazzjonali u internazzjonali, distribuzzjoni online u offline, u distribuzzjoni teatrali tax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej fl-ambjent diġitali l-ġdid;*** |

**Emenda 68**

**Proposta għal regolament**
**Anness IV – punt 3 – paragrafu 2 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (d) promozzjoni ta' fehim u viżibbiltà wiesgħa tal-Unjoni u tar-rwol tagħha fix-xena dinjija, permezz ta' komunikazzjoni strateġika, diplomazija pubblika, kuntatti bejn il-persuni, ***diplomazija kulturali***, kooperazzjoni fi kwistjonijiet edukazzjonali u akkademiċi, u attivitajiet ta' outreach biex jiġu promossi l-valuri u l-interessi tal-Unjoni. | (d) promozzjoni ta' fehim u viżibbiltà wiesgħa tal-Unjoni u tar-rwol tagħha fix-xena dinjija, permezz ta' komunikazzjoni strateġika, diplomazija pubblika, kuntatti bejn il-persuni, ***kultura fir-relazzjonijiet internazzjonali***, kooperazzjoni fi kwistjonijiet edukazzjonali u akkademiċi, ***promozzjoni tal-patrimonju kulturali Ewropew*** u attivitajiet ta' outreach biex jiġu promossi l-valuri u l-interessi tal-Unjoni. |

# PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | L-istabbiliment tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali |
| **Referenzi** | COM(2018)0460 – C8-0275/2018 – 2018/0243(COD) |
| **Kumitati responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AFET DEVE<br>2.7.2018 2.7.2018 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | CULT<br>2.7.2018 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | María Teresa Giménez Barbat<br>1.6.2018 |
| **Artikolu 55 – Proċedura b'kumitati konġunti**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | 5.7.2018 |
| **Eżami fil-kumitat** | 8.11.2018 |
| **Data tal-adozzjoni** | 22.1.2019 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 17<br>–: 2<br>0: 2 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Dominique Bilde, Andrea Bocskor, Silvia Costa, Mircea Diaconu, Damian Drăghici, Jill Evans, María Teresa Giménez Barbat, Petra Kammerevert, Krystyna Łybacka, Svetoslav Hristov Malinov, Luigi Morgano, Momchil Nekov, John Procter, Michaela Šojdrová, Bogusław Sonik, Helga Trüpel, Julie Ward, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Milan Zver |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Liadh Ní Riada, Francis Zammit Dimech |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 17 | + |
|---|---|
| ALDE | Mircea Diaconu, María Teresa Giménez Barbat |
| PPE | Svetoslav Hristov Malinov, Michaela Šojdrová, Bogusław Sonik, Francis Zammit Dimech, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Milan Zver |
| S&D | Silvia Costa, Damian Drăghici, Petra Kammerevert, Krystyna Łybacka, Luigi Morgano, Momchil Nekov, Julie Ward |
| VERTS/ALE | Jill Evans, Helga Trüpel |

| 2 | - |
|---|---|
| ENF | Dominique Bilde |
| GUE/NGL | Liadh Ní Riada |

| 2 | 0 |
|---|---|
| ECR | John Procter |
| PPE | Andrea Bocskor |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni